K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tad-disgħa u għoxrin (29) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar il-Ġimgħa 8 ta' Ottubru, 2010 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa preċendenti tqassmu u inqraw mil-Kunsilliera.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati bi proponiment mis-Sindku u ssekondat mis-Sur Stephen Mizzi.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

1. Is-Sindku beda biex qal li is-seduta saret dan il-hin u f' dan il-jum biex tkun ikkumidata l-kunsillier Nadia Zammit għaliex kien ferm diffiċli għaliha biex issib il-ħin għall-kunsill matul dawn l-aħħar xhur. Hu qal li jiddispjaċh li dan il-ħin seta' ma kienx konvenjenti għall-kunsilliera

oħra imma minn issa l-quddiem ikollna nsibu l-jum tat-tnejn fil-għaxija sabiex norganizzaw is-seduti tal-kunsill lokali u dawn għandhom ikunu fil-jiem meta l-kunsilliera li jaħdmu bix-xift, ikunu dejjem jistgħu jattendu għas-seduti. Is-Sindku kompla qal illi "Bħalma għamilna dejjem, is-sindku jara' li s-seduti  għandhom isiru f' ħin li jkun komidu għall-kull kunsillier. " Il-kunsilliera kollha qablu ma dan is-suġġeriment.

2. Is-Sindku Mario Salerno qal li jixtieq irodd ħajr lil sħabu l-kunsilliera li qegħdin jaħdmu flimkien u jagħtu kontribut qawwi lejn il-ġid tal-kommunita. Beda biex irringrazzja lis- Sinjura Rose Roberts li qeghda taħdem fil-qasam soċjali, fejn fl-aħħar ġimgħa ġie varat il-proġett Familiahort li hu intiż li jkun hemm għajnuna lil tfal li jattendu fl-iskola primarja meta jingħalqu l-bibien tal-iskola. Qed ikun hemm għalliem u facilitator li jgħin lit-tfal jagħmlu l-homework. Anke qed jingħata xi ikel imsajjar lit-tfal. Dan il-proġett hu iffinanzjat taħt il-fond tas-sostenibilita li għalih, is-Segretarjat Parlamentari kien għadda s-somma ta' €10,000 lil kunsill lokali ta' Ħal Kirkop. Is-Sur Mario Salerno xtaq jirringrazzja lil Vici Sindku is-Sur Joe Carbone li ntefa' b'ruħu u ġismu fuq il-ħidma tal-kunsill il-ġdid. Joe Carbone ingħaqqad mal-ħaddiema tal-IPSL u idderiega x-xogħol fuq il-plumbing u d-dawl, twaħħil tal-madum, gypsum u xogħlijiet oħra. Hu ferm diffiċli biex tikkwantifika l-ħidma tal-Viċi Sindku, iżda s-Sindku qal li l-ammont ta' xogħol li għamel b' xejn jiswa' eluf ta' ewro. Imbagħad is-Sindku radd ħajr u xtaq jirringrazzja lil kunsillier is-Sur Stephen Mizzi li qed ikun il-mutur wara l-progett tal-bini  tal-kumpless sportiv li jinkludi fih grawnd tal-futbol u btieħi oħra għall-logħob tat- tennis. Is-sindku qal li din il-ġimgħa kien iltaqa' mal-Onorevoli Clyde Puli u miegħu għal din il-laqgħa attendew kemm Stephen Mizzi u l-perit Bezzina. Mas-Segretarju Parlamentari, tkellmu u iddiskutew fid-dettal il-viżjoni tal-lokalita, dik li nagħmlu lil Ħal Kirkop bħala Eko- Kirkop sas-sena 2025. Is-Sindku qal li kien sgurat mis-Segretarju Parlamentari li tkomplija tal-binja sportiva fil-lokalita se titkompla wara waqfien kawża ta' impediment legali minn xi terzi persuni. is-Sindku qal li jixtieq li l-kunsillier Nadia Zammit tkun tista' iżżid il-kontribut tagħha lejn il-kunsill u inkoraġġiha biex iżżid il-ħidma tagħha.

3. Is-Sindku qal li kellu diskussjoni mar-rapreżentanti tat-turiżmu biex flimkien inmexxu fuq il-proġett sportiv fejn f' Ħal Kirkop ikollna hub ta' attivitjatiet sportivi, liema ċentru jkun jagħti kontribut lejn żvilupp sostenibbli fir-reġjun tal- lbiċ ta' Malta. L-importanza li nagħtu lil niċċa turistika fl-isports ġewwa r-regjun tagħna. Sur Salerno qal li hemm bżonn li minn issa inħabirku fuq ir-residenti biex jibdew jaħsbu sabiex ikollhom xi kamra tas-sodda fejn jistgħu jospitaw xi turisti żgħażagħ sportivi. Hu semma li hemm talba għad-devoluzzjoni tal-pompa tal-petrol biex il-kunsill lokali jkun jista' jibni skating board grawnd għaż-żgħażagħ. Mario Salerno qal li dak is-sit hu strategiku għal dan it-tip ta' l-isport u li dan il-proġett jista' jkun iffinanzjat minn xi sponsors.

4. Is-Sur Mario Salerno ħabbar wkoll li kellu diskussjoni mal-awtorita tal-housing u ġie diskuss il-proġett soċjali li jiffavorixxi lir-residenti li jgħixu fil-housing estates tal-gvern. Kien hemm suġġeriment fejn il-familji jkunu mgħejjuna fl-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajiċi, fil-litteriżmu u anke li jkun hemm handyman li jista' jagħmel xi xogħol ħafif fil-housing estates. Għalkemm għadu diskors bikri dan il-proġett, is-Sindku kompla qal li dan hu l-ewwel pass lejn kontribut soċjali sostenibbli. Mario Salerno xtaq jirringrazzja lid-direttur tal-housing Dott. Albert Buttiġieġ tal-inizjattiva li ha u tal-interess li wera fid-diskussjoni li kellu miegħu.

5. Is-Sindku semma wkoll kif twettaq ix-xogħol fejn jaraw l-ajruplani ġewwa Triq l-Industrija. Hu faħħar il-ħidma li saret u li seta' jitwettaq għaliex kien iffinanzjat minn skema oħra maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari tal-kunsilli lokali. Mario Salerno qal li għad fadal xi xogħol żgħir biex ikun komplut bħal tqegħid tal-bankijiet, installazzjoni tac-CCTVs u taħwil ta' pjanti maltin. Il-fdal tal-magna tal-ajruplan li kien ħdejn iċ-ċimiterju u li xi tlettin sena ilu kien dan l-arjuplan jintuża' bħala Constellation Bar, jerġa' jqajjem in-nostalgia tal-passat. Is-Sindku qal li tkellem ma s-Sur Joe Ciliberti biex dan jieħu ħsieb jġib placards fejn ikun spjegat l-evoluzzjoni tal-avjazzjoni f' Malta. Is-Sur Sindku qal li mhux biżżejjed insebħu is-sit imma nintroduċu dimensjoni edukattiva li jservi ta' tagħlim u li dan iġib valur miżjud lill-proġett.

6. Is-Sindku qal li ħdejn il-mina tal-ajruport, kien hemm soft area li beda jieħu ħsiebha is-Sur Ricky Caruana. Madanakollu is-Sindku qal li jaqbel mal-kunsilliera li jkun hemm kitba mal-landscapist fejn f' dan il-ftehim ikun iċċarat li s-sbuħija li qed iwettaq Ricky ma jitlob l-ebda kumpens mill-kunsill. Fil-fatt Mario Salerno jafferma li dan ix-xogħol qed ikun imwettaq b'mod volontarju u li jrid ikun żgurat li kull biċċa xogħol artistika tkun dejjem għal riskju ta' Ricky . Fid-diskussjoni tal-istqarrija, ġie maqbul li Ricky jingħata l-użu biss tas-soft area għal tlett snin u kull biċċa xogħol artistika tkun koperta minn permessi li jrid iġib mill-kunsill lokali.

7. Is-Sindku qal li s' issa ħarġu permessi fuq erba' toroq li huma Triq il-fieres u Triq l-imdina, Sqaq Sant Anġlu, Triq il-Madonna tad-Dawl u Triq il-Gudja. Dawn se jiswew lil kunsill lokali il-perċentwal ta' 20% ta' l-ispiża. La darba inħarġu l-permessi din il-ġimgħa, is-Sindku qal li tkellem mal-perit Sandra Magro tal-Asfaltar biex jipproġettaw u jippjannaw ix-xogħol li s-Sindku qal li għandu jibda' nhar it-tnejn 18 ta' Ottubru, 2010.

8. Is-Sur Salerno kompla jispjega li tlett toroq oħra- Raphael Caruana, 29 ta' Mejju, 1592 u 9 ta' April,1942 se jinbnew mit-Trasport Malta u bħala ħruġ ta' permessi, il-MEPA qed iżommhom għax trid Full Development Permit għax tqis iż-żona bħala sensittiva għall – arkeojoloġija. Is-Sindku qal li tkellem mal-perit Bezzina biex jara' x'hemm bżonn issir biex il-proċess tal-ħruġ tal-permessi jinħareġ mingħajr dewmien għaliex issa inqabżu kull limitu tal-istennija. Imbagħad jibqa' Triq San Nikola il-madwar taċ-ċimiteru fejn qagħadna f' diskussjoni mas-Sur Alan Camilleri li hu il-kap tal-Malta Enterprise u li wiegħed li huma se jagħmlu din it-triq li hu perċentwal anqas minn 10% mis-somma minfuqa biex jibnu l-proġett kbir tal-SR technique. Dan il-ħlas qed issir biex jikkumpensa għall-inkonvenjenzi li l-istess proġett ħalla bħala impatt fuq ir-residenti, kemm mill-aspett tat-traffiku u kemm mill-aspett ta' ħsejjes tal-vetturi li jgħaddu minn toroq tar-raħal.

9. Is-Sindku qal li kien tajjeb li l-istess gvern bħala kumpens bena triq f' Hal Safi li kien magħruf bħala Sqaq li jagħti għal Triq Karwija u hu tajjeb wkoll li tinbena triq taċ-ċimiterju mill-aktar fis possibli biex l-ekwita bejn il-kunsilli tkun tidher u riflessa fit-tmexxija demokratika.

10. Is-Sindku semma li rridu inħaffru x-xaft tal-lift ta' fejn se jopera Ċentru tal-Kommunita u rridu naraw li sa l-aħħar ta' din is-sena jrid jibda' jopera. Il-ftuħ uffiċjali taċ-ċentru se jkun fil-bidu ta' Frar waqt li sadanittant, il-kunsilliera u l-istaff jkollhom iġorru għall-binja l-ġdida tal-kunsill lokali. Hu maħsub li nwaħħlu l-ATM għal Jannar imma għad baqa' jinħareġ it-tender tal-airconditioners għas-sala ta' fuq. Naraw wkoll min se jpitter il-inkwadri u x' motifs mill-pajsaġġ raħli nistgħu ngħażlu.

11. Is-Sindku stieden lil kunsilliera biex nilqgħu it-talba biex norganizzaw fund raising għall-Community Chest Fund. Hu issuġġerixxa li nimmobilizzaw lil poplu kollu għall-attivitajiet li jistgħu ikunu organizzati mal-għaqdiet kollha tal-lokalita.

12. Is-sindku qal wkoll li minn issa nibdew naħsbu għall-Irkottafest 2011. Hu se jiltaqa' ma stakeholders prospettivi sabiex jitfassal pjan logistiku ghall-ippjanar tal-festa.

13. Is-Sindku qal li hemm xi talbiet mill-iskola primarja biex ngħinu xi tfal li ma jistgħux jixtru l-borża ta' San Martin fejn ta' kull sena jingħata xi frott. Is-sindku qal li l-flus jistgħu jingħataw mill-fond tal-familahort li hu intiż għal kawża soċjali tat-tfal.

14. Is-Sindku qal li wara li nkitbet il-management letter lil awditur li kien awditja l-finanzi tal-kunsill, hu imperattiv li s-Segretarju Eżekuttiv jmexxi l-istaff klerikali biex isegwi l-linji ta' ġwida li nħareg mir-rapport tal-awditur.

15. Is-Sindku qal li fl-aħħar jiem kien attenda għall-laqgħa tal-kumitat konġunt LES u jgħid li hemm xi problema li tirrigwardja xi ħlassijiet li waqqgħu lura milli jitħallsu mill-enforcement officer. Dan l-offiċjal kien marad u jrid jinkiseb mezz biex dan il-kumitat konġunt jibqa' jaħdem. Is-

Sindku għarraf li intlaħaq ftehim fost is-Sindki tar-reġjun biex iġibu l-każ għall-konċiżjoni tad-direttur generali is-Sur Martin Bugelli. D' iffatti qabel ma ġie għall-laqgħa, is-sindku kien attenda għal-laqgħa miegħu u bħala riżultat ta' din il-laqgħa sar ftehim li l-kumitat konġunt taż-Żurrieq se jqabbad għal erbgħin siegħa fix-xahar l-enforcement officer ta' San Pawl il-Baħar.

16. Mario Salerno qal li fix-xahar li jmiss, il-Kunsill lokali se jkun mistieden mill-project leader tal-LitusGo l-Isotech biex jorganizza s-seminar ġewwa l-Palace Hotel f' tas-Sliema bħala parteċipant taħt il-programm tal-Leonardo da Vinci li jirrigwardja Integrated Coastline Zone Management. Minn naħa Maltija, twettqet ir-riċerka fuq il-bżonnijiet tal-kosta maritima ta' Malta u dan ingħata bħala input lil project leader biex dan ikun jista' jgħaddi l-informazzjoni kollha miġbura minn parteċipanti kollha tal-proġett lil esperti li hu taħt il-ħarsien ta' Dr Alan Pickard biex wara li jgħaqqad l-informazzjoni, jevalwa u joħroġ bil-konkluzzjoni fuq x' tip ta' maniġġ hu meħtieġ għall-kosta mediterranja. Il-ħidma twassal biex ikun kompilat manwal miktub f' diversi lsna fosthom il-Malti, Ġrieg u Tork barra l-Ingliż li jkun għodda siewa fil-qasam edukattiv. Għal dan is-seminar, bħalma għamlu sħabna li ġabu membri parlamentari fis-seminars li twettqu pajjiżhom se nistiednu għal dan is-seminar lil ministru tal-edukazzjoni Onor. Dolores Cristina, Onor Evarist Bartolo fl-ewwel jum u Onor Stefan Buontempo u Onor Chris Said jew sostitwit tiegħu biex jagħlqu s-seminar ta' jumejn. Fl-għeluq tas-seminar se jkun mistieden grupp ta' għalliema u studenti biex jakwistaw esperjenza fuq proġetti ta' LDV. Is-Sindku stieden lil kull kunsillier biex jattendu.

17. Is-Sindku qal biex għal seduta li jmiss, is-Segretarju Eżekuttiv iġib rapport finanzjarju sabiex inkun nistgħu nikkontrollaw b' mod aktar flessibli l-approvazzjoni ta' ħidmiet li jmissu li jsiru fil-ġranet li ġejjin. Hu semma li daħlu l-flus tal-allokazzjoni u l-flus mis-Segretarjat Parlamentari tal-Kunsilli Lokali bħala perċentwal tal-ħlasijiet tat-toroq li se jkunu rikostruwiti fi żmien xaharejn. Is-sindku qal li jrid jara' li t-tieni fażi fuq il-proġett tat-toroq jitkompla wara l-vaganzi tal-Milied imma għad irid jistenna kif se jkun riżolt il-każ tas-Segretarju Parlamentari, biex la darba jerġa'

jidhol fl-uffiċju jiltaqgħu miegħu jew iċemplulu biex jiddiskutu għal kumplament tal-ħlasijiet tat-toroq. Is-Sur Salerno qal li għadu prematur li llum nitkellmu fuq pjan.

18 Is- Sindku qal li din il-ġimgħa is-sur Kevin Zahra ċempel lis-Segretarju fejn saqsieh fejn u kemm il-bus shelters kienu ordnaw. Mario Salerno qal li wara tant snin, jidher li TM se twaħħal dawn il-bus shelters. Hija tal-mistħija li se jitwaħħlu wara tant żmien fit-tul li sewa lir-residenti tant sofferenzi u tbatija għax battew minn xmum u xita. Kull minn kellu x' jaqsam mal-organizzazjoni tal-ordnijiet tal-Bus shelters imissu jitlob skuża lir-residenti.

19 Is-sindku fiehem ukoll li din il-ġimgħa kien ftiehem kemm mal-perit Bezzina u mal-kunsillier Stephen Mizzi biex jikkordinaw flimkien fuq il-proġett tal-UIF li jirrigwardja l-bandli l-ġodda. Mario Salerno qal li rridu niżguraw li dawn l-items il-ġodda fil-playing field ma jkunux ivvandalizzati. Hu saqsa jekk jaħsibx li dan il-playing field għandux ikun magħluq u mdawwar bil-cameras.

20 Is-Sindku qal li hemm biċċa xogħol oħra biex ikun installat il-lift fil-community center għaliex għad irid jinqata' xi 30 ċentimetru terrapien liema terrapien qatt ma tnaddaf mill-kuntratur. Għalhekk hu ippropona li dan ix-xogħol issir mill-ħaddiema tal-IPSL. Dawn qegħdin iwaħħlu l-madum fil-kunsill il-ġdid imma kull biċċa xogħol li titwettaq mill-kuntratur privat tiswa ħafna flus. Mario Salerno qal li jekk il-ħaddiema ma jlaħħqux jieħdu l-leave tagħhom, hu jirrikmanda li l-vaganzi jeħduhom is-sena ddieħla wara li jlestu xogħol fuq il-bini inkella qal is-Sindku mhux se ilaħħqu fil-ħin biex igorru għal kunsill il-ġdid.

21 Is-Sindku qal li tant hemm x' tirrakonta fuq il-ħidma li saret u fuq dak li hu ippjanat li jsir li jrid siegħa oħra imma jixtieq li jekk hu possibli kull kunsillier imur jara' x-xogħlijiet li qed isiru fil-jiem li ġejjin għaliex l-ewwelnett jieħdu sodisfazzjoni tax-xogħol u t-tieni jkun qed juri sapport lil sieħbu l-kunsillier fit-twettiq ta' dik il-ħidma. Mario Salerno qal li fil-ġranet li għaddew, laħqu fil-ħin idaħħlu proġetti differenti taħt l-ESF funding scheme fejn jindirizzaw tagħlim informali lil

pirotekniċi, lil ommijiet ta' eta terzjarja, żgħażagħ avanzati fl-edukazzjoni u żgħażagħ li għandhom xi diffikulta fit-tagħlim. Is-Sindku qal li dawn il-proġetti se jsiru fuq bażi transnazzjonali fejn hemm imdaħħla entitajiet u kunsilli lokali minn Żurrieq, Qormi, Xagħra, Corunia u Firenze. Ħal Kirkop se jkun il-project leader ta' dawn il-proġetti. Bħalissa l-kunsill lokali tagħna qed jipprepara fuq applikazzjoni għal Green Award, fejn is-Sindku spjega li ħadem ġimgħa sħiħa fuq il-mili ta' din l-applikazzjoni u qal li kien hemm ħafna inizjattivi mehuda matul din is-sena li bil-kbir jiżbqu li jimmeritahom li jirbħu l-first award.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**

1. Il-Viċi Sindku beda jitkellem fuq l-attivitajiet għal-Milied bħal wirja/kompetizzjoni tal-presepju. Is-Sur Carbone qal li ġih il-ħsieb, li għall-Milied biex inqajjmu l-ispirtu ta' din il-Festa, norganizzaw wirja tal-presepji. Hu issuġġerixxa forma ta' kompetizzjoni. F'dan il-każ jistgħu jinġiebu presepji fis-sala tal-kunsill, jew inkella jinżammu d-dar u panel idur u jagħti l-punti.
   Hu qal li tista ssir ukoll, biss forma ta wirja u jinghataw tifkiriet biss lil kull parteċipant.

2. Is-Sur Carbone issuġġerixxa li isiru xi għoti ta' pudina jew kejk żgħir lil anzjani l-fuq minn sebgħin sena, l-aktar dawk ta' ġol-homes, sptarijiet u li ma joħorġux.
   Carbone kompla u issuġġerixxa biex nagħmlu bħalma għamilna fl-Għid u nagħtu xi ħelu ta' dan iż-żmien lil anzjani ta l-fuq minn sebghin sena. Hu qal li jaħseb li bħalma ntogħġbot fl-Għid terġa' tinogħġob ukoll fil-Milied.

3. Il-Viċi Sindku qal li għal dan iż-żmien ta' festi nistgħu norganizzaw ħarġa purament kulturali fejn inżuru xi post partikulari, imbagħad nieħduhom jieklu jew biex jieħdu xi snack x'imkien. Dan ikun bi ħlas żgħir.

Carbone kompla u qal li l-istess nagħmlu għat-tfal sa tnax-il sena, ħarġa kulturali, forsi l-Katidral ta' San Ġwann, barrakka ta fuq u t'isfel. Ħarġa oħra li nistgħu norganizzaw tkun dik għat-tfal ta' taħt it-tnax-il sena. Issa jew tkun żjara kulturali jew inkella xi film show bħalma ġieli għamilna.

5. Is-Sur Carbone qal li wara ċ-ċimiterju reġa' għandu bżonn ta' patching. Hu ġie mgħarraf li fi triq Danny Cremona hemm bżonn ta' zebra crossing, għax xi nies li jkunu qed jaqsmu għal-istage tal-linja qed jibżgħu għax il-karozzi qed jgħaddu sparati, avolja hemm ir-road humps. Fuq il-problema tal-parking fi Triq Paleokristjani, jidher li fl-aħħar qed jipparkjaw sewwa, Carbone qal li meta ltaqgħa ma' Jesmond, dan qallu li l-linja ma tistax issir, għax hemm it-triq mhix tajba (hemm ħafna terrapien), għalhekk huwa ssuġġerixxa li jsiru signs u jitwaħħlu fil-post.

6. Carbone qal li meta nistgħu inkomplu x-xogħol fuq tisbiħ tar-raħal, billi nagħmlu triq oħra bil-bankini, u ssuġġerixxa Triq San Guzepp.

7. Il-Viċi Sindku xtaq iressaq kumment fuq il-leave anwali tal-ħaddiema ta' l-IPSL. Hemm min minnhom fadallu leave minn tas-sena l-oħra. Hu ssuġġerixxa li nagħmlu pjan ta' kif għandu jittiehed il-leave biex ma jakkumulax.

8. Carbone qal li x-xogħol fuq ġewwa tal-kunsill inbeda. Bdejna ngħaddu l-pajpijiet. Irridu li l-post jitnaddaf sewwa. Għad hemm injam kollu nsiemer jiġri ma l-art, kif ukoll laqx u xilliel li jista wieħed jinbaram u jkorri, jew jirfes musmar. Carbone qal li hemm ukoll ħafna njam li għadu mwaħħal fil-post. Skont Carbone qal li l-bennej kellu inaddaf il-lok. Is-suġġeriment tiegħu hu li qabel ma' jattwa l-ftehim magħmul miegħu, m'għandu jieħu l-ebda ħlas milli fadallu jieħu.

**6. Affarijiet oħra**

6.1. Rigward l-offerti ta' l-irħam il-Kunsill qabel unanimament li tingħażel l-offerta ta' Aguis Marbles Ltd. għaliex huwa l-isbaħ.

6.2. Zebra Crossing fi Triq Ħal Safi – Ġie maqbul li ssir talba bil-miktub lit-Traffic Management tat-TM.

6.3. Il-Kunsill tkellem fuq il-Kuntratt tal-Parks and Garden fejn ġie maqbul li jintemm il-kuntratt mal-kuntrattur presenti Robert Bondin Carter u tittieħed in-konsiderazzjoni it-tieni l-aktar offerta vantaġġuża li kienet dik tas-Sur Mario Borg. Għalhekk ġie miftiehem li issir laqgħa mas-Sur Mario Borg.

6.4. Minħabba li l-Kuntratt ta' l-iskart riċiklabbli wasal biex jiskada il-Kunsill qabel unanimament li jerġa jiġġedded mal-Green MT.

6.5. Is-Segretarju ippropona li isir training lil istaff tal-Kunsill b'course tas-City & Guilds li jinkludi fih office procedures, customer care, business studies u sage. Il-finanzjament ta' dawn il-korsijiet ser isir b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Kunsilli billi jinqasmu l-ispejjeż. L-ispiża hija mifhuma li ser tkun ta' madwar €900 kull individwu.

**7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-pagamenti għaddew kollha. Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Joe Carbone.

**8. Konklużjoni**

8.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |